TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 337

Kaz Nru. 462

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

L-Ghaqda (Union) Ufficjali Anzjani tat-Tarzna (DSESU)

u

l-Malta Drydocks

dwar is-sur Kenneth Abela

Data : 13 ta' Ottubru, 1989

Chairman : Is-Sur Carmel Debono

Membri : Is-Sur M. Mallia
Is-Sur Alphonse Farrugia

## 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Politka Socjali b'ittra datata 31 ta' Mejju, 1989 skond il-provvedimenti tal-Artikolu 26(2) tal-Att XXX tal-1976 b'dawn it-'terms of remit'.

"Talba biex it-Tribunal Industrijali wara li jezamina :-

(a) ir-raguni/ragunijiet ghaliex is-sur Kenneth Abela thalla ghaxar (10) xhur disokkupat fit-Tarzna;

(b) it-trattament fiziku tieghu matul dan iz-zmien mill-Management u minn nies ohra;

(c) l-akkuzi li saru minn membru tal-Management lis-sur Abela hu nnefficjenti u nkompetenti

.../2

jordna lill-General Management u lill-Kunsill tat-Tarzna biex :

(i) jigi 'cleared' isem is-sur Abela minn kull allegazjoni li saret fuqu;

(ii) jigi dixxiplinat skond il-Proceduri tad-Dixxiplina tat-Tarzna, kull minn ma obdiex ordnijiet superjuri tieghu, kif ukoll minn immalafama;

(iii) is-sur Abela jigi mghoti il-Grupp 3 misthoqq li tilef meta ghalla ufficcjalment ghaxar (10) xhur minghajr ma jinghata xoghol, specjalment issa li tidher li saret policy tat-Tarzna li l-kwalifiki saru 'criterion' ghall-promozjoni. Kif ukoll il-fatt li managers kwalifikati u ta' esperjenza li jkunu ser jitilqu mit-Tarzna jigu offruti promozjoni."

Sussegwentement, id-DSESU emendat it-talba taghha f' subartikolu (iii) minn Grupp 3 ghall-Grupp 4 kif jidher u gie konfermat fl-Istatement of Case tal-Union.

It-Tribunal Industrijali zamm tnax (12) il-laqgha.

Il-Malta Drydocks kienet rapprezentata mis-sur L. Spiteri, Personnel Officer u Vice Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna, is-sur Philip Mifsud, Personnel Manager u s-sur John Darmanin, Laboratory & Safety Manager. waqt li d-DSESU kienet rapprezentata mis-sur Carmel Tonna, President, is-sur Kenneth Abela, segretarju u s-sur Anthony Borg Membru tal-istess Union.

## 2. OGGEZZJONIJIET PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta wara l-qari ta' l-istatements of case taz-zewg partijiet, ir-rapprezentanti tal-Malta Drydocks qajmu zewg oggezjonijiet dwar ir-regolarita tas-smiegh tal-kaz kif jidher hawn taht.

(a) li l-ligi Industrijali tispecifika tilwima tax-xoghol bejn 'employers' u 'employees' u ghaldaqstant l-Employer f'dan il-kaz ma hux il-Management izda l-Malta Drydocks, li b'disposizzjoni espressa tal-ligi, tista' biss tkun rapprezentata mic-Chairman jew membri tal-Kunsill appuntati ghal dan il-ghan u ghalhekk ma hux floku li l-Management jigi mharrek in rapprezentanza tal-Malta Drydocks.

(b) li l-Malta Drydocks ma ghandha l-ebda "Trade Dispute" mad-DSESU fuq il-fatti indikati minnha, ghax skond il-Malta Drydocks ma hemm l-ebda ksur ta' ftehim jew kwistjoni ohra. Il-Management minn dejjem ikkunsidra l-kaz presenti bhala wiehed ta' tilwima personali tas-sur Kenneth Abela.

Dwar it-tieni oggezjoni (b) it-Tribunal iddecieda li l-kaz tas-sur Abela kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali bhala "Trade Dispute" mill-Ministru responsabbli b'ittra datata 31 ta' Majju, 1988, u ghaldaqstant it-Tribunal ma kellu l-ebda awtorita li jbiddel din id-decizjoni, irrispettivament mill-merti tal-kaz.

It-Tribunal zied jghid li jekk il-Malta Drydocks ma kienux jaqblu ma din id-decizjoni huma kienu liberi jaghmlu rapprezentazzjonijiet lill-Ministru.

Dwar l-ewwel oggezzjoni (a) it-Tribunal permezz ta' verbal datat 29 ta' Settembru, 1989, mghoti fit-tieni seduta

iddikjara "li fil-prattika passata dwar tilwim industrijali, is-sejha biex jigu riferiti quddiem it-Tribunal kienet minn dejjem mibghuta liil-General Manager u/jew liil-Managing Director tal-azjenda koncernata.

Ghaldaqstant il-fatt li dan reggha rrepeta ruhu f'dan il-kaz ma jirrendix il-procedura nulla.

Biex izda ma jithalla l-ebda dubbju dwar il-korrettezza tal-procedura, dan it-Tribunal Industrijali ordna lis-Segretarju ta' dan it-Tribunal biex jibghat ir-referiment tat-Tilwima lic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks ghas-smiegh tal-kaz."

3. STATEMENTS OF CASE

Id-DSESU (Union) qalet li s-sur Kenneth Abela kien dahal it-Tarzna f'Dicembru, 1975, u sena wara hu gie sponsorjat mill Malta Drydocks biex imur jistudja l-Ingilterra fl-Universita ta' Manchester bil-ghan li jikkwalifika bhala Welding Engineer. Wara li ottjena l-HND is-sur Abela kompla l-istudju tieghu u ottjena l-Polytechnic Diploma Part 2 tal-Metallurgija, meqjus bhala ekwivalenti ghall-B.Sc.

Il-Malta Drydocks aktar tard approvat perjodu iehor ta' studju lis-sur Abela fil-Cranfield Institute of Technology f'Bedford li gew konkluzi f'Settembru tal-1981.

F'Ottubru tal-istess sena, meta is-sur Abela rritorna Malta huwa kien kwalifikat fil-Higher National Diploma - Metalurgy Polytechnic Diploma Part 2 - Metalurgy u Master of Science fil-Welding Technology, hu gie appuntat Manager Trainee

ghall-perijodu ta' sena u f'Novembru, 1982 gie appuntat "Metallurgist".

Il-Union sostniet li bhala rizultat tal-kwalifiki, l-kapacita u r-responsabbilita li kellu s-sur Abela u wara ezaminijiet li bihom ikkwalifika u gie accettat bhala Professional Member Institute of Metallurgy (MIM) Professional Member Welding Institute (M Weld I) Chartered Engineer (C Eng), Registered Welding Engineer.

Fit-13 ta' Awwissu tal-1986 is-sur Abela gie sekondat mill-Malta Shipbuilding Company Limited u gie mghoti d-doveri ta' "Quality Assuarance/Quality Control Welding and Safety Manager, u mahtur Chairman ta' tlett (3) Bordijiet tal-ghazla (Selection Boards).

F'Dicembru ta' l-istess sena, l-Malta Shipbuilding Company Limited kienet disposta toffrilu kuntratt ta' xoghol permanenti, fatt li ma sehhx wara li s-sur Abela fit-13 ta' Jannar, 1987, kellu jirritorna t-Tarzna minhabba protesti tal-impjegati ta' l-istess azjenda, li l-DSESU tikkuntendi kienu protesti ngusti u bla bazi.

Id-DSESU sostniet li kontra l-ordni tal-General Manager tal-Malta Drydocks, u kontra ftehim bil-miktub biex jirritorna l-Laboratorju, s-sur Abela ma nghatax lura d-doveri li kellu qabel, u ghalla ghaxar (10) xhur minghajr ma nghata xoghol mis-superjur tieghu, s-sur John Darmanin, Laboratory u Safety Manager, kif ukoll twaqqaf milli jaghmel xi xoghol minn impjegat subordinat tieghu. Id-DSESU allegat li f' okkazjoni minnhom dan wassal l-istess impjegat li juza l-forza fuq is-sur Abela, agir, li skond il-Procedura tad-Dixxiplina tat-Tarzna, kellu jwassal ghal passi dixxiplinarji kontra l-individwu. Il-Union sostniet li minkejja l-insistenza taghha biex jigu applikati l-Proceduri Dixxiplinarji dan

baqa' ma sehhx. Saru ukoll numru ta' allegazjonijiet dwar inkompetenza u ineffiċjenza tas-sur Abela li qatt ma gew investigati mill-Management minkejja proposta tal-Union biex isir Bord ta' Inkjesta. Ziedet tghid il-Union li sar tentattiv ta' trasferiment tas-sur Abela ghall-Ship Repair Manager bi ksur tal-ftehim bejn il-Management u l-Union li dan kellu jsir b'konsultazjoni u ftehim mal-Union.

Il-Union sostniet li f'numru ta' okkazjonijiet hi pprotestat b'ittri mal-General Manager u l-Kunsill, izda dawn lanqas biss ma kienu acknowledged.

F'Ottubru, 1987, is-sur K Abela gie appuntat chairman tal-Metalfond u ftit granet wara sekondat mal-MDC.

Tant kien hazin it-trattament tas-sur Kenneth Abela, li l-Manager ta' fuqu, l-Laboratory & Safety Manager, wasal biex fl-ewwel jum tar-ritorn ta' Abela minn mal-Malta Shipbuilding Company Limited sejjahlu fl-ufficcju tieghu u qallu li kien sejjer ihallih fil-Laboratorju "biex ma nhallikx barra fix-xita". Dan id-diskors intqal quddiem impjegat subordinat tas-sur Abela. Minkejja dan kollu, tenniet il-Union, is-sur Abela pprova jaghmel dak li jista' u jghati l-kontribut tieghu f'dak li kellu x' jaqsam bhala metallurgista.

Id-DSESU tenniet li f'certu stadju il-Malta Drydocks riedet bhala speci tikkontendi li din kienet kwistjoni personali bejn is-sur Abela u s-sur John Darmanin; izda fl-istess waqt kienu jghidu li s-sur Abela ma qeghdix xogholu tajjeb fil-Laboratorju u s-superjur tieghu kien qal li r-rapporti metallurgici setgha ghamilhom ahjar.

Rigward il-claim ghall-promozzjoni ta' Abela, l-Union qalet li l-origini tal-claim kien ilu jezisti sa minn Novembru, 1984 u Settembru, 1985. Il-Union ziedet tghid li bejn Jannar u Marzu, 1987 il-Management laqa' kwazi t-talbiet kollha tal-Union ghall-promozzjoni ta' diversi Managers hlief dik tas-sur Abela. Ziedet tghid li kien hemm kazi fejn Managers gew promossi mill-Malta Drydocks ghax indikaw li kienu sejrin jitilqghu u jsibu post ahjar barra.

Rigward l-akkuzi, l-Union qalet li f'dan l-istadju kienet lesta li tipprova b'dokumenti u xhieda tul is-smiegh tal-kaz li l-akkuzi ta' nkompetenza u inefficcjenza fuq is-sur Abela kienu foloz.

Meta saret referenza ghat-thallija tas-sur Abela ghaxar (10) xhur ma jaghmel xejn, id-DSESU sostniet li dan kien kontra l-ftehim li s-sur Abela kellu jmur lura fil-Laboratorju wara li rritorna mill-Malta Shipbuilding Company Limited u jaghmel id-doveri li kien jaghmel qabel; u minkejja l-ezortazjonijiet tal-General Manager lis-sur Darmanin biex ihaddmu regolari.

<u>Il-Malta Drydocks</u> talbet lit-Tribunal biex ma jaccettax it-talbiet tad-DSESU ghax dawn kienu fl-opinjoni tal-Malta Drydocks ghal kollox infundati u bla bazi legali.

Il-Malta Drydocks talbet li l-kaz kellu jigi respint ghax gie prezentat hazin, fis-sens li dan ma kienx jikkwalifika bhala Trade Dispute fit-termini tal-Ligi li jispecifika "employers u workers", li f'dan il-kaz l-Employer ma kienx il-Management izda l-Malta Drydocks li b'disposizzjoni espressa tal-ligi tista tkun rapprezentata biss mic-Chairman jew membri tal-Kunsill appuntati ghalhekk fil-Gazzetta tal-Gvern. L-Malta Drydocks ghalhekk ikkuntendew li l-kaz kellu

.../8

kien null u bla effett.

Gie kontestat ukoll il-fatt li l-Malta Drydocks ma kellha l-ebda tilwima mad-DSESU fuq il-fatti ndikati minna ghax ma kien hemm l-ebda ksur ta' ftehim jew kwistjoni ohra mad-DSESU.

Il-Malta Drydocks ikkontendiet li l-Management minn dejjem ikkunsidra l-kaz bhala wiehed ta' tilwima personali tas-sur Abela, u dawn il-fatti kienu gew spjegati diversi drabi lil Union f'laqghat diversi li saru fuq dan is-suggett. Il-Malta Drydocks qalu izda li minghajr pregudizzju kienet sejra twiegeb ghall-punt sollevanti.

Il-Malta Drydocks qalet li s-sur Kenneth Abela kien jaghmel parti mill-complement tal-Laboratorju bhala 'Metallurgista' fi Grupp II tal-Istruttura tas-salarji tal-Executive and Senior staff. F'din il-kariga huwa gie mghoti xoghol ta' direzzjoni tal-Laboratory Assistant fl-analizi kimici u ezamijiet ohra fil-metal, li qabel kien jaghmel is-sur John Darmanin, Laboratory & Safety Manager. Il-Malta Drydocks ziedu jghidu li billi x-xoghol strettament konness mal-metallurgija ma kienx hemm wisq, is-sur Abela kien gie mghoti wkoll id-direzzjoni tal-fotografija u tal-analizi taz-zejt u ta' l-ilma, li wkoll kien qabel isir mis-sur Darmanin. Gieli li wkoll fl-assenza tal-Quality Control Manager is-sur Abela kien jaghmel dan ix-xoghol ukoll.

Fit-13 ta' Awissu, 1986, il-Management qabel u approva li s-sur Abela jigi sekondat mal-Malta Shipbuilding Company Limited. Dan sar, qalet l-MDD, peress li s-sur Abela ma kienx meqjus essenzjali. Infatti minn dik id-data x-xoghol tas-sur Abela reggha beda jaghmlu s-sur Darmanin, bla ma zdied il-personal fil-Laboratorju u bla ma sur Abela gie

'replaced'. Ghalkemm is-secondment tas-sur Abela kien ghal zmien indefinit, fit-12 ta' Jannar, 1987, bla ma kien mistenni jew mitlub, is-sur Abela reggha lura ghax-xoghol fil-Malta Drydocks "wara kwistjonijiet kbar li kellu fl-Malta Shipbuilding Company Limited."

Billi skond il-Malta Drydocks kien evidenti lis-sur Abela ma kienx mehtieg fil-Laboratorju, il-Management ipprova jsib xoghol addattat ghas-sur Abela u baghatu ma Ship Repair Managers, li, fl-opinjoni tal-Malta Drydocks kien jaqa' taht il-funzjonijiet tal-grad tieghu li kellu u skond il-kuntratt tax-xoghol tieghu. Wara li s-sur Abela kien accetta li jigi transferred mas-Ship Repair Managers, ghal xi raguni mhux maghrufa, s-sur Abela rrifjuta wara direttiva tad-DSESU. Tant ghamel minn kollox il-Management biex jokkupa lis-sur Abela li l-Management wasal biex approvalu special leave bil-hlas biex jattendi kors tal-Lingwa Germaniza bil-kondizzjoni li jaghmel traduzzjonijiet meta tinqala l-htiega.

Fit-2 ta' Novembru, 1987, il-Management tal-Malta Drydocks laqghu it-talba tal-Establishments biex is-sur Abela jigi sekondat mal-'Metalfond' billi htiega partikolari ghalih fil-Malta Drydocks ma kienx hemm, u ghal ragunijiet ohrajn li l-Malta Drydocks qalu li kienet sejra tispjega waqt is-smiegh tal-kaz.

Il-Malta Drydocks imbaghad iddikjaraw li r-record tax-xoghol tas-sur Abela ma kienx sodisfacenti fil-prattika tax-xoghol industrijali, partikolarment fil-kuntest tal-Malta Drydocks ix-xoghol tieghu kien skadenti. Il-Malta Drydocks biex jissapportjaw din l-istqarrija qalu li fl-ewwel sena tas-sur Abela bhala Metallurgista kien ikollu hafna difetti fir-raportagg, tant li diversi drabi il-kap tieghu, s-sur Darmanin, kellu jinterveni u gie li bidel il-konkluzzjonijiet

tas-sur Abela. Il-Malta Drydocks qalu li s-sur Abela ma kienx jittolera kritika jew korrezzjoni u dan zammu milli jidra s-sistema tat-Tarzna. Komplew izidu li s-sur Abela kellu difetti serji fit-tmexxija tal-haddiema li taghhom kien responsabbli u li dan ir-record garru mieghu meta gie sekondat mal-Malta Shipbuilding Company Limited. Difetti ohra allegati li kellu s-sur Abela kienu nuqqas ta' 'Management skills', insuburdinazzjoni u relazjonijiet problematici mal-haddiema fuq il-post tax-xoghol li kien jindika nuqqas serju ta' maturita'. Il-Malta Drydocks sostnew li l-Kunsill tat-Tarzna ma kienx parti f'din il-kawza u ma ghandux jinghata ordnijiet fl-assenza tieghu skond kif talbet id-DSESU biex il-Management u l-Kunsill jigu ordnati jaghmlu dak specifikat fil-paragrafu (i) (ii) u (iii) tat-Terms of Remit. Il-Malta Drydocks tennew li d-dmirijiet u l-funzjonijiet tal-Kunsill johorgu mill-Ligi u ordnijiet isiru biss kif specifikat fl-istess Ligi.

Il-Malta Drydocks ikkontendew li fl-opinjoni taghhom ma setghawx jinghataw ordni generali dwar paragrafu (i) li kienet titlob li s-sur Abela jigi 'cleared' minn <u>kull</u> allegazzjoni. Il-Malta Drydocks qalu li t-Tribunal kellu jigi mghoti t-talbiet specifici u jaghti d-decizjoni tieghu fuq kull kaz skond il-Ligi.

Dwar paragrafu (ii) tat-Terms of Remit il-Malta Drydocks ikkuntendew li din mhix talba li tista ssir, billi d-dixxiplina u x'passi jittiehdu huma prerogattiva unika tal-kumpanija bhala employer.

Skond il-Malta Drydocks, jekk is-sur Abela hassu malfamat, dan kellu jipprocedi skond il-Ligi kontra dak li allega malafama, ghax ma kienx kompitu tal-Malta Drydocks li jidhlu fil-kwistjonijiet privati.

Ghal dak li jirregwardja paragrafu (iii) tat-Terms of Remit, il-Malta Drydocks jiddikjaraw li ma kienx minnu li s-sur Abela tilef xi promozzjoni ghal ragunijiet imsemmija minnu jew ghal ragunijiet ohra. Il-Malta Drydocks qalu li skond il-ftehim mad-DSESU stess is-sur Abela ma kienx intitolat ghal promozzjoni specjalment fil-grad ta' Metallurgista. Il-Malta Drydocks tennew li ghalkemm saru tahdidiet dwar il-kriterju ta' kwalifiki akkademici fil-ghoti ta' promozzjonijiet qatt ma ntlahaq ftehim li jillimita' promozjoni fuq dan il-kriterju biss.

Il-Malta Drydocks ghalqu li Statement of Case billi talbu lit-Tribunal biex ma jilqax it-talbiet kollha tad-DSÉSU fuq is-sur Kenneth Abela ghax dawn kienu kollha bla ebda bazi.

## 4. XHIEDA

### (a) Prodotti mid-DSESU - (Kif dehru)

Is-Sur E. Cilia Debono - Direttur tax-Xoghol u Emigrazjoni
Is-Sur Carmel Tonna - President DSESU
Is-Sur Philip Mifsud - Personnel Manager Malta Drydocks
Is-Sur Spiro Cappello - ex Ship Repair Manager Malta Drydocks
Is-Sur Carm Baldacchino - ex Dept. Manager Malta Drydocks
Is-Sur Jos. Mizzi - Ship Repair Manager Malta Drydocks
Is-Sur Jos. Mifsud - Dept. Manager Malta Drydocks
Is-Sur Paul Cardona - Surveyor Classification Society
Is-Sur Francis Caruana - Dept Manager Malta Drydocks
Is-Sur Nicky Baldacchino - Principal Surveyor - Bureau Veritas
Is-Sur Anthony Demicoli - Surveyor Classification Society
Is-Sur Paul Licari - Consulting Engineer

Is-Sur Charles Cachia - ex Ship Repair Manager Malta Drydocks, Engineer Canada Dry

Is-Sur Albert Borg - Ship Repair Manager Malta Drydocks

Is-Sur Philip Buhagiar - Managing Director Malta Shipbuilding Company Limited, ex New Building Manager Malta Drydocks

Is-Sur John C Mifsud - General Manager PEC ex Dept. Manager Malta Drydocks

Dottor R. Ghirlando - Direttur Metalfond

Is-Sur John Consiglio - Direttur Metalfond

Is-Sur Richard Zerafa - Project Manager Malta Drydocks On loan to Malta Shipbuilding Company Limited

Is-Sur Raymond Vassallo - Plant Services Manager Malta Drydocks

Is-Sur Kenneth Abela - Metallurgist Malta Drydocks Seconded as Chairman to Metalfond.

(b) Prodotti mill-Malta Drydocks - (Kif dehru)

Is-Sur Louis Ellul - ex Deputy General Manager Malta Drydocks

Is-Sur Ramiro Sciluna - ex Foreman tal-Welders Malta Drydocks

Is-sur Jos Darmanin - Deputy Sales & Commercial Manager Malta Drydocks

Is-Sur Sydney Barbara - ex Chairman Malta Shipbuilding Company Limited

Is-Sur John D'Amato - Deputy Hull Manager Malta Drydocks

Is-Sur Paul Galea - Dept Manager tal-Welders Malta Drydcoks

Is-Sur John Vassallo - Dept Manager tal-Welders Malta Drydocks

Is-Sur Jos. Sapiano - President Metal Workers Section - General Workers' Union

Is-Sur Sammy Meilaq - Chairman Malta Drydocks

Is-Sur John Darmanin - Laboratory & Safety Manager u Segretarju tal-Kunsill tal-Malta Drydocks

(c) Prodotti miz-zewg partijiet - (Kid Dehru)

Is-Sur David Blincow - Prd Manager Malta Drydocks

Is-Sur Saviour Brincat - Chairman Malta Shipbuilding Co. Ltd, ex Gen. Manager tal-Malta Shipbuilding Company Limited

Is-Sur Jos. Saliba - Laboratory Ass Grade I Malta Drydocks

Is-Sur Law. Farrugia - General Manager Malta Drydocks

(d) Prodott mid-DSESU

Is-Sur Emm Scerri - Laboratory Assistant fuq xoghol fil-Libya ddepozita x-xhieda tieghu bil-miktub, guramentata b'affidavit fuq decizjoni tat-Tribunal.

Il-Malta Drydocks irrinunzjaw ghax-xhieda tas-sur Joe Mifsud - Laboratory Assistant Grade I - waqt li d-DSESU irrinunzjaw ghax xhieda tas-sinjuri Andy Brown, George Cauchi, u E Debono, tlieta Surveyors tal-Classification Societies.

It-Tribunal laqgha talba tal-~~DSESU~~ MDD biex jixhdu is-sinjuri John D'Amato, Deputy Hull Manager, Paul Galea Dept Manager tal-Welders u John Vassallo Dept Manager tal-Welders - kollha Malta Drydocks u John Darmanin Laboratory & Safety Manager u Segretarju tal-Kunsill, izda ma laqax it-talba biex jixhed ukoll is-sur Lawrence Bilocca, Financial Controller tal-Malta Drydocks, li gie mghoti l-opportunita jiddikjara li kellu jghid bi statement miktub. It-Tribunal ukoll iddecieda li jawtorizza xhieda b'affidavit tas-sur Emm Scerri, Laboratory Assistant, impjegat tal-Malta Drydocks, li qieghed jahdem il-Libya, mghajjat ghal xhud mid-DSESU wara li ma setghax jghati x-xhieda tieghu personalment quddiem it-Tribunal minhabba postponiment mitlub mill-Malta Drydocks ta' l-istess seduta li fiha kellu jixhed. It-Tribunal ma laqax oggezzjonijiet tal-Malta Drydocks kontra l-validita tax-xhieda tas-sur Scerri

fuq il-bazi ta' Artikolu 7(3) tal-Att XVIII tal-1987 dwar xhieda b'affidavit.

## 5. DOKUMENTI

Matul is-smiegh tal-kaz gew prezentati numru konsiderevoli ta' dokumenti miz-zewg nahat, 69 mid-DSESU u 22 mill-Malta Drydocks, apparti numru iehor ta' kopji ta' dokumenti bhala appendici ma li Statements of Case. Dawn id-dokumenti kienu jinkludu l-ahhar Re-Stucturing Agreement dwar is-Salarji u Pagi tat-Tarzna, il-Procedura tad-Dixxiplina fit-Tarzna, siltiet u/jew kopji ta' Minuti u Agreements bejn iz-zewg partijiet, kopji ta' korrispondenza inter-Manigerjali u bejn iz-zewg partijiet, siltiet minn perjodici u/jew gazzetti lokali, kopji ta' kwalifiki, kopji ta' rapporti analitici tax-xoghol tas-sur Abela, kopji ta' Memoranda u avvizi generali tal-Malta Drydocks u Malta Shipbuilding Company Limited, siltiet ta' informazzjoni dwar sieghat zejda perjodici tax-xoghol tal-Managers fit-Tarzna, listi ta' promozzjonijiet ta' Managers fit-Tarzna, kopji ta' korrispondenza bejn kumpanija u l-Malta Drydocks dwar htigiet ta' rapporti analatici mill-Laboratorju tat-Tarzna.

Minn dawn kollha, t-Tribunal ma kkunsidrax relevanti zewg dokumenti, wiehed silta minn Dokument tal-ILO dwar il-Liberta tal-Assocjazzjoni 1976, u l-iehor silta minn Gazzetta Lokali dwar il-htiega ta' nies professjonali fl-Industrija, it-tnejn prezentati mid-DSESU. It-Tribunal ukoll illimita il-validita' ta' certi ritratti riferiti f'parti mix-xhieda u ddecieda li l-validita' taghhom kienet biss minhabba r-referenza li saret ghalihom u f'dan il-kuntest biss.

## 6. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Fis-sottomissjonijiet finali iz-zewg partijiet zammew l-argumenti originali fl-Istatement of Case izda ziedu u amplifikaw fuq dak li rrizulta tul is-smiegh tal-kaz.

(i) Id-DSESU wara li taw rendikont generali tal-procedimenti tul is-smiegh tal-kaz, imbaghad dahlu biex fit-tul u f'certu dettal ikkwotaw siltiet mix-xhieda numeruzi biex jirribattu l-akkuzi tal-Malta Drydocks li s-sur Abela kien gie allegat li hu nkompetenti u inefficjenti. Regghu emfazizzaw l-abilta' tas-sur Abela f'xogholu billi kkwotaw x'qalu diversi xhieda professjonali u ta' 'standing' gholi fil-Management ta' kumpaniji varji. Dwar l-argument tad-Drydocks li xoghol is-sur Abela kien meqjus skadenti, id-DSESU irrimarkaw li anke l-Laboratory & Safety Manager innifsu kien ammetta f'Gunju, 1987 li "there are possibly rare cases when we may need a Metallurgist at the Lab. Most certainly we can use temporarily either Abela's services ........".

Il-bzonn ta' Metallurgista fit-Tarzna, qalu d-DSESU, kien gie konfermat bil-gurament car u tond minn nies professjonali u ta' esperjenza bhal General Manager tat-Tarzna u Chairman tal-Malta Shipbuilding Company Limited, id-D.G.M. u Production Manager tat-Tarzna kif ukoll membri responsabbli tal-Classification Societies u tal-Management.

Ghalkemm kien minnu li saru zewg tentattivi biex is-sur Abela jigi trasferit max-Ship Repair Managers wara li rritorna mill-Malta Shipbuilding Company Limited, id-DSESU cahdu li l-Union jew is-sur Abela kienu accettaw argumenti ta' din ix-xehta anzi rretenew li dawn it-tentativi saru bi ksur tal-ftehim ezistenti (datat 29.10.76) bejn il-Management u id-

DSESU li transfer ta' Managers irid isir bi ftehim u li dawn ittentattivi saru biex il-Laboratorju u Safety Manager jehles mis-sur Abela.

Biex isahhu l-argument taghhom id-DSESU ikkwotaw parti mill-Kuntratt tax-Xoghol tas-sur Abela dwar 'Duties' li jghid hekk:- "You will be required to perform and carry out all the duties falling within the scope of your employment and any other duties as shall be assigned to you......".

Id-DSESU sostnew li dan kien gie definit f'kaz Numru 183 fejn it-Tribunal Industrijali kien qal :- "Matul is-smiegh tal-Kaz gie rilevat li inforza ta' dan il-paragrafu il-Management ma ghandux dritt jallòka xoghol lis-sur Degiovanni minflok (underlining tat-Tribunal) dak li ghalih gie appuntat, cioe' dak ta' Apprentice Training Officer ghaliex kienu kienet tintuza il-kelma 'OR' u mhux 'AND'".

Id-DSESU irretenew li x-xoghol ta' Ship Repair Manager ma kellux x'jaqsam xejn ma dak ta' Metallurgista. Ghal dak li intqal lil Management ried jibghat lis-sur Abela max-Ship Repair Managers biex jitharreg fil-'Management Skills' id-DSESU qalet li dan ma kien minnu xejn, ghax Managers li jghatu servizz professjonali bhal dak tas-sur Abela qatt ma ntbghatu ghal tahrig bhal dan. Id-DSESU qalu li x-xoghol li kien jaghmel is-sur Abela, kemm qabel u kemm wara li kien sekondat mal-Malta Shipbuilding Company Limited, kien prova li il-post ta' Metallurgista fit-Tarzna ma skadiex u xoghol li kien ghamel, qalu d-DSESU, fil-perjodu bejn Jannar u Ottubru, 1987 kien sar minkejja l-ostakoli kollha inkluz dak li thalla disokkupat ghal xhur shah.

(ii) Meta rreferew ghat-tieni punt tat-Terms of Remit, id-DSESU qalet li ma setghux jaqblu mal-Malta Drydocks "li id-dixxiplina u x'passi ghandhom jittiehdu huma l-prerogattiva

unika tal-Management" ghax irragunaw li d-dixxiplina ghandha tinwettaq l-istess ma kullhadd.

Id-DSESU sostnew li il-Procedura tad-Dixxiplina tat-Tarzna hija cara bizzejjed u fl-opinjoni ta' l-Union kien hemm okkazjonijiet meta din il-procedura inkisret fil-kaz tas-sur Abela u ma sar l-ebda tentattiv biex min naqas f'dan ir-rigward jigi dixxiplinat. Id-DSESU ikkwotaw fit-tul estratti mill-Procedura tad-Dixxiplina tat-Tarzna biex isostnu l-argument taghhom li nuqqasijiet ta' Dixxiplina, li naturalment kien jimmerithom investigazzjoni u azzjoni, gew injorati u dan minkejja li skond Artikolu 47 ta' l-istess Procedura, **l-Personnel Manager tat-Tarzna** kellu l-poter juza id-diskrezjoni tieghu meta jhoss li kien hemm nuqqas ta' gustizzja.

(iii) Rigward it-talba biex is-sur Abela jigi promoss ghal Grupp 4 fl-Istruttura tal-Managers tat-Tarzna, id-DSESU bdew biex qalu li kien intlahaq ftehim fis-16.07.87 biex il-kwalifiki akkademici jitqiesu bhala kriterji ghal promozjoni. Id-DSESU sostnew li x-xoghol is-sur Abela kien wiehed li jimmerita kunsiderazzjoni ghal promozzjoni mhux biss fuq il-bazi ta' l-abilta tas-sur Abela, izda wkoll ghax il-Malta Drydocks kienu waslu biex taw promozjoni lil certi Managers ghal Grupp 4 ghas-semplici raguni li dawn heddew li jitilqghu il-Malta Drydocks. Id-DSESU sostnew ukoll li l-meriti professjonali tas-sur Abela kienu maghrufa u rikonoxxuti fil-Malta Shipbuilding Company Limited li kienet waslet biex tofrilu impieg permanenti ta' certu livell u salarju, u minn sorsi ohrajn fosthom membri gholja tal-Management tat-Tarzna stess u ta' kumpaniji ohrajn li kellu x'jaqsam maghhom is-sur Abela.

Intqal ukoll li hemm diskrepanza shiha kif persuna bhas-sur Kenneth Abela, gradwat Metallurgista, wara snin shah ta'

studju u kwalifikazjoni bl-unuri fl-Universita ta' Manchester, ghadu Grupp 2 waqt li Foreman sar Dept. Manager tal-Welders bhala Grupp 3 fl-Istruttura tal-Managers bhala rizultat ghal sejha ghal applikazjonijiet minghajr 'O' Level wiehed. Id-DSESU qalu li jifhmu li Manager, bhala Metallurgista li xogholu huwa konness mal-Welding, kien jisthoqqlu Grupp 4. Intqal li kien hemm Managers (it-tobba) fit-Tarzna li kienu jgawdu dan il-Grupp semplicimɛnt fuq il-bazi tal-kwalifiki biss. Meta rreferew ghal kriterji ohrajn, 'bhala rieda, integrita, willingness li tahdem' id-DSESU sostnew li dawn ukoll kien jippossedihom is-sur Abela.

Meta rreferew ghad-data effettiva dwar it-talba ghal promozjoni ghal Grupp 4 id-DSESU qalu lid-data mitluba, jigifieri 8 ta' Novembru, 1984 kienet id-data oroginali tal-claim. Intqal li data aktar tard fis-sena ta' qara tfisser telf ta' increment fis-salarju.

Fl-gheluq tas-sottomissjonijiet finali taghhom, id-DSESU accennaw ghax-xhieda kwazi kollha minbarra dik tas-superjur tieghu, is-sur Darmanin, u ta' xi ohrajn li qaghdu fuq il-Memos tas-sur Darmanin li kien jibghat lil-Chairman tat-Tarzna bhala Segretarju tal-Kunsill, li stqarrew positivament dwar l-abilta tas-sur Abela. Id-DSESU qalu li xhieda mtella mill-Malta Drydocks lanqas kellhom il-hila jiddefenu x'jinvolvi ix-xoghol tal-Metallurgija. Id-DSESU enfazizzaw il-fatt li hadd mill-Management tat-Tarzna ma setgha jixhed li s-sur Abela kien qatt gie mwissi, bil-miktub jew bil-fomm. Id-DSESU ma skludewx il-fatt li trattament hazin li kien dirett lejn is-sur Abela setgha kien motivat minn ghira personali bazata fuq id-differenza li kellhom iz-zewg persuni fil-kwalifiki rispettivi. Setgha wkoll kien agravat minn fatturi estrani bhal leakage f'gazzetta dwar xoghol tas-sur Darmanin, li dan ikkonkluda hazin kien ikkagunat mis-

.../19

sur Abela. Dan it-trattament wasal fil-quccata tieghu meta s-sur Darmanin ordna lis-sur J Saliba, subordinat tas-sur Abela, biex ma jtiehx xoghol fil-laboratorju wara li rritorna mis-sekondment mall-Malta Shipbuilding Company Limited, u, skond is-sur Darmanin u s-sur Saliba, dahhlu fil-Laboratorju "biex ma jixxarrabx". Id-DSESU regghu irrepetew li tul l-ghaxar (10) xhur li s-sur Abela inzamm disokkupat, is-sur Abela wkoll ipprova jaghmel xoghlu u biex jippruvaw dan id-DSESU ipprezentaw samples ta' 17 il-rapport li kien ghamel. Id-DSESU ghalqu is-sottomissjonijiet taghhom billi talbu lit-Tribunal li jilqa it-talbiet taghhom, jigifieri:-

(i) li jigi cleared isem is-sur Abela minn kull allegazzjoni li saret fuqu;

(ii) li jigi dixxiplinat min ma mexiex skond il-Procedura tad-Dixxiplina tat-Tarzna; u

(iii) jghati promozzjoni ta' Grupp 4 fl-Istruttura tal-Managers lis-sur Abela b'sehh mit-8 ta' Novembru, 1984.

<u>Il-Malta Drydocks</u> fethu is-sottomissjonijiet finali taghhom billi talbu li qabel xejn kien xieraq li jigu miflija is-sottomissjonijiet u talbiet imressqa mid-DSESU quddiem it-Tribunal, kif ukoll ix-xhieda taz-zewg nahat.

Il-Malta Drydocks ikkummentaw dwar il-BAZI tal-Claim u qalu li:-

(a) F'edda stadju ma gie ppruvat li s-sur Kenneth Abela nghata maltrattament fiziku fi zmien li reggha lura it-Tarzna mill-Malta Shipbuilding Company Limited.

(b) L-akkuzi li ressaq il-Management tat-Tarzna gew sostanzjati bil-provi tax-xhieda.

(c) Id-dixxiplina fit-Tarzna ssir mill-Management u skond il-proceduri stabbiliti u miftehma mar-rapprezentanti tal-Haddiema u ghaldaqstant, bir-rispett kollu, ntennu li t-Tribunal m'ghandux jinterveni f'dan il-qasam.

(d) F'ebda waqt, la fil-laqghat bejn il-Kunsill, Management u DSESU u lanqas fil-laqghat ta' Rikoncilljazzjoni mad-Direttur tax-Xoghol u/jew rapprezentant tieghu, ma ssemiet mill-istess Ghaqda li s-sur Kenneth Abela jinghata Grupp IV.

(e) Tajjeb ukoll li jinghad li s-sur Kenneth Abela sar Senior Staff Grupp II mhux wara sejha ghal xi mili ta' xi post, la b'ezami miktub u lanqas b'interview; sar sempliciment wara li gie lura mill-kors ta' Metallurgista.

Il-Malta Drydocks sostnew li gie ppruvat mix-xhieda li l-grouping fl-istruttura tas-Salarji bejn il-Management u l-istess DSESU kif miftehma, il-post ta' Metallurgista huwa dak ta' Grupp 2. Ghaldaqstant fl-ebda stadju ma setghu il-Malta Drydocks jaccettaw grouping iehor ghas-sur Abela. Barra minn hekk il-Malta Drydocks qalu li s-sur Abela xehed li x-xoghol ta' Metallurgista kien jehodlu hamsa (5) jew sitt (6) sieghat fil-gimgha.

Il-Malta Drydocks irretenew li kemm fil-minuti tal-laqghat bejn il-Kunsill, il-Management u d-DSESU, kif ukoll mix-xhieda, li l-kwalifiki ma humiex ir-raguni wahdanija jew ewlenija ghall-promozjoni.

Is-sur Abela stess xehed li l-"Kwalifiki huma wahda minn hafna".

.../21

Il-Malta Drydocks qalu li fir-rejalta l-Kwalifiki tas-sur Abela kienu r-raguni ghaliex kien Senior Staff u zgur ma kienx hekk minhabba n-numru tan-nies li kellu tahtu li b' kollox kien jammonta ghall-sitta (6). Il-Malta Drydocks irretenew li dan ma kienx jikkumpara man-numru ta' nies li diversi Managers u gradi ohra jikkontrollaw. Fl-opinjoni tal-Malta Drydocks in-numru ta' nies li kien jikkontrolla s-sur Abela ma kienx jimmerita lanqas l-grad ta' Chargeman li gie li jkollu d-doppju u anke t-tripplu ta' nies tahtu. Qalu wkoll li s-sur Abela lanqas ma kien jimmeritalu Senior Staff status ghar-responsabbilta li kien jassumi, ghax skond diversi xhieda li ghandhom x' jaqsmu max-xoghol ta' welding u produzzjoni ta' l-azzar, s-sur Abela ma kienx jinvolvi ruhu direttament ghax ir-responsabbilta finali tax-xoghol kienet tibqa tad-dipartiment li jaghmel ix-xoghol.

Fl-opinjoni tal-Malta Drydocks, is-sur Abela lanqas ma kien jimmeritalu li jkun Senior Staff ghall-kwalita tax-xoghol tieghu meta fix-xhieda tas-sur Darmanin, is-superjur ta' Abela, intqal li fl-unika bicca xoghol ta' certa entita' li ghamel fuq 'l-Ocean Tide', ghamel ordni ghall-materjal (vireg tal-welding) ferm izjed milli kien mehtieg. Waqt li hu minnu li min jordna l-materjal irid jizgura li jkollu fuq ir-rih, iz-zejjed f'dan il-kaz kien inkompetenza cara minn naha tas-sur Abela.

Il-Malta Drydocks irreferew ukoll ghal dak li kkunsidraw bhala nuqqas ta' npenn tas-sur Abela ghal fatt li s-sighat zejda ta' attendenza tieghu fit-Tarzna, komparati ma membri ohra tal-Management li kien hemm fil-Laboratorju, ma kienx sodisfacenti.

Il-Malta Drydocks ikkontendew li kien hemm kuntest kontinwu u qalil bejn is-sur Abela u s-sur Darmanin li zgur ma kienx

il-mod biex is-sur Abela jghinu fit-tmexxija tal-Laboratorju. Dan qalu l-Malta Drydocks ma kienx jisthoqq Grad ghola minn Grupp 2 ghas-sur Abela. Anke kieku wiehed kellu jargumenta li s-sur Abela kellu ragun u s-sur Darmanin kien zbaljat jibqa' l-fatt li fi kwalunkwe organizazzjoni wiehed irid jimxi fuq l-ordni li tkun inghatatlu anke jekk ma jaqbilx.

Tant hu hekk, qalu l-Malta Drydocks li d-DSESU qeghdin jissottomettu li s-sur Darmanin kien imissu obda l-ordni tal-General Manager ta' dak iz-zmien, is-sur S G Brincat, biex juza lis-sur Abela f'xogholu meta rritorna mill-Malta Shipbuilding Company Limited. Pero' il-Malta Drydocks qalu li skond kif jirrizulta mix-xhieda tas-sur Brincat, din l-ordni qatt ma giet mghotija. Il-Malta Drydocks sostnew li kien is-sur Abela li kiser kemm il-darba l-ordni billi ghazel li jimxi b'mod irregolari. L-Malta Drydocks allegaw li dan kollu jidher mid-dokumenti pprezentati miz-zewg nahat.

Jibqa' wkoll il-fatt li fil-gudizzju tat-Tarzna, is-sur Darmanin kien qieghed japplika l-'policy' tat-Tarzna korrettament. Prova ta' dan qalu l-Malta Drydocks, il-Kunsill kien ghazel lis-sur Darmanin mill-haddiema kollha tat-Tarzna biex jimla l-kariga ta' Segretarju tal-Kunsill li baqa' jigi konfermat f'kull okkazzjoni, xhieda ta' kemm igawdi opinjoni gholja fit-Tarzna.

Il-Malta Drydocks argumentaw li s-sur Abela kien konpensat adekwatament bhala Grad Grupp 2 bhala Metallurgista in vista tal-kwalifiki tieghu, u ma kienx jisthoqqlu izjed a bazi tax-xoghol li ghandu, l-hila rejali li wera, tal-impenn u l-imgieba tieghu u ghal xi raguni ohra ta' meritu personali.

Il-Malta Drydocks accennaw ghall-fatt li tant kien superfluwu s-sur Abela li hu stess kien applika ghall-post ta' Personnel

Manager f'Lulju, 1989 li dak iz-zmien kien Grupp 3. Sar l-argument li kull organizzazjoni kummercjali ma ghandhiex tkompli zzomm dak li jidrilha huwa zejjed u t-Tarzna, qalu l-Malta Drydocks, ghaddiet minghajr is-servizzi tas-sur Abela ghall-tlett (3) snin shah. Id-decizjoni li t-Tarzna jkollha Metallurgista, qalu l-Malta Drydocks, ittiehdet meta l-Malta Drydocks kellha futur promettenti ghax-Shipbuilding, xi haga li llum qeghda ssir mill-Malta Shipbuilding Company Limited. Jekk u meta t-Tarzna jkollha bzonn l-uzu ta' metallurgista, dan illum isir minn ditta barranija ndipendenti u ghalhekk il-Malta Drydocks ma ghadx ghandha bzonn ta' Metallurgista full-time u permanenti. Il-Malta Drydocks qalet li fis-sitwazzjoni prezenti s-sur Abela jista jitqies 'redundant'.

Il-Malta Drydocks sostnew li t-Tarzna ppruvat issib xoghol iehor ghas-sur Abela izda dan, permezz tad-DSESU, ma accettax. Sar enfazi li ma kienx tort tat-Tarzna li ma baqghaliex uzu ghall-Metallurgista u intqal li t-Tarzna setghet kienet hanina zzejjed u ma kienx tort taghha lanqas li s-sur Abela ma rreciprokax l-isforzi genwini izda ghogbu jkun negattiv fil-konfront tal-problema fuq xoghlu. Il-Malta Drydocks argumentaw li llum izjed minn qabel it-Tarzna ma tistax tippermetti li jkun hemm "sinecures" fost l-impjegati li toffri, kif jixhed l-ahhar ftehim mal-Gvern, li jkun hemm skemi halli dawk il-haddiema li ma jistghux jghatu il-gurnata kollha tax-xoghol ikunu jistghu jirtiraw kmieni. Il-Malta Drydocks allegaw li s-sur Abela kien ukoll nieqes mill-maturita.

Fl-gheluq tas-sottomissjonijiet finali l-Malta Drydocks sostnew li mhux talli bl-ebda mod ma naqsu lis-sur Abela, izda setghu kienet ultra-tollerenti. Wara li qalu li ma hemmx izjed tama li jirkupraw l-infiq ta' fondi fuq it-tahrig tas-sur Abela bhala Metallurgista, dan l-investiment

ikollu jigi 'written off'. Saret referenza ghall-ftehim bejn it-Tarzna u l-Gvern dwar struttura/mizuri ta' efficjenza fejn numru ta' postijiet gew dikjarati superfluwi inkluz dak ta' Metallurgista, u li b'dan il-ftehim it-Tarzna hija obligata li timplimenthom.

Il-Malta Drydocks qalu li l-Ligi tat-Tarzna torbot lill-Kunsill biex imexxi t-Tarzna b'mod li jissalvagwardja l-interessi tal-azjenda, haddiema u pajjiz.

Il-Malta Drydocks qalu li waqt li hu minnu li l-ftehim jghid li dawn il-postijiet superfluwi jitnehhew meta jitbattlu, dan ma kienx post li jitbattal fi ftit xhur permezz tal-'early retirement', u l-Malta Drydocks huma ta' l-opinjoni li l-Kunsill ma jkunx qieghed josserva id-Drydocks Act jekk it-Tarzna tibqa' zzomm ragel f'impieg superfluwu ghal xi tletin sena sakemm jirtira.

Il-Malta Drydocks regghu irrepetew li t-Tarzna ma tistax taghmel izjed uzu bis-sur Abela ghax skond ix-xhieda huwa nieqes mill-'Management Skills'. Biex isostnu dan l-argument, l-Malta Drydocks ikkwotaw l-awtur ELF Brech fil-ktieb tieghu 'The Principles and Practice of Management' li jiddefeni li l-kwalitajiet personali huma ta' mportanza assoluta vis-a-vis il-'Management Skills'. Il-ktieb jghati wkoll dettalji ta' "Personal Assessment" li gew ikkwotati. Fuq dan il-Malta Drydocks jiddrilhom li bl-istorja li ghandu s-sur Abela prattikament jehel fuq kull punt tal-Personal Assessment.

Il-Malta Drydocks talbu lit-Tribunal jirrespingi t-talbiet tad-DSESU bhala nfondati, ghax decizjoni differenti, mhux biss tkun ngusta versu t-Tarzna, izda tikkundannha biex terfa bniedem ghal bqija ta' hajtu meta dan irnexxielu jikser tista tghid kull principju ta' etika manigerjali,

.../25

u mhux biss tilef il-fiducja tas-superjuri tieghu u ta' dawk ta' tahtu izda wkoll gibed id-disprezz taghhom waqt li qieghed jinsisti li jinghata promozzjoni fuq xoghol li t-Tarzna ma ghadiex izjed bzonn; u meta fi kliem is-sur Abela stess l-uzu massimu fl-specjalita tieghu, meta t-Tarzna kienet ghadha nvoluta direttament fix-Shipbuilding kien ta' ftit sieghat fil-gimgha, u fl-ahharnett meta direttament jew indirettament is-sur Abela irrifjuta li jaccetta xoghol alternattiv konsistenti mas-salarju tieghu u meta t-Tarzna giet ippruvata ghal limiti finali tal-pacenzja u tolleranza.

## 7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal Industrijali, wara li ezamina x-xhieda kollha u stharreg li statements of case kif ukoll is-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet u kkunsidra d-dokumenti prezentati, jidhirlu li l-kaz, waqt li jikkonsisti fi tlett elementi, jigifieri dak ta' trattament tas-sur Abela, l-applikazzjoni tal-Kodici tad-Dixxiplina tat-Tarzna u claim ghall-promozjoni tas-sur Abela ghal Grupp 4 fl-Istruttura tas-Senior u Executive Staff tat-Tarzna huwa kondizzjonat u marbut mad-diportament u l-abilta, jew nuqqasijiet tieghu, fuq ix-xoghol kif relatati mal-kwalifiki tas-sur Abela bhala Metallurgista, u l-htiega jew le ta' din il-post professjonali fl-Malta Drydocks.

Fir-rigward tal-abilita u d-diportament fuq ix-xoghol tas-sur Abela, dan it-Tribunal semgha numru kunsiderevoli ta' xhieda, li jkopru medda sostanzjali ta' nies professjonali fil-qasam tat-Tarznari u dawk tal-Classification Societies, li f'xi hin jew b'xi mod kellhom konnessjoni mas-sur Abela fil-qadi tad-doveri tieghu bhala Metallurgista.

Jirrizulta li l-maggoranza assoluta ta' dawn il-persuni professjonali huma ta' l-opinjoni li l-kontribut tas-sur Abela fix-xoghol tieghu kien posittiv.

Fuq dan l-aspett it-Tribunal semgha u gharbel wkoll l-evidenza tas-sur Darmanin, li kien is-superjur immedjat tas-sur Abela, li generalment ma kellu l-ebda definizjoni tajba ghad-diportament u l-abbilta tas-sur Abela.

It-Tribunal jinnota li din ix-xhieda kellha l-bazi taghha fuq Memos mibghuta mis-sur Darmanin lic-Chairman tal-Kunsill bid-dati tat-2 ta' Gunju, u 12 ta' Novembru 1987, u t-18 ta' Frar 1988, u dak tal-5 ta' Mejju, 1987 mibghuta lill-Personnel Manager wara li s-sur Abela rritorna mis-sekondament mal-Malta Shipbuilding Company Limited. Ma gie ipprezentat l-ebda dokument li juri li n-nuqqasijiet allegati tas-sur Abela kienu b'xi mod rekordjati <u>qabel</u> is-sekondament tas-sur Abela mal-Malta Shipbuilding Co. Limited.

Min naha l-ohra t-Tribunal semgha wkoll ix-xhieda ta' nies fl-ghola postijiet Manigerjali tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding Company Limited kif ukoll persuni pbofessjonali indipendenti li xehdu li kienu sodisfatti fil-kwalita tax-xoghol tas-sur Abela bhala Metallurgista.

F'dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal jiddikjara li kieku kellu jwarrab kemm ix-xhieda tas-sur Darmanin (li kienet kuntrarja) u dik ta' Managers tat-Tarzna (li kienet favorevoli ghas-sur Abela) u joqghod fuq ix-xhieda ta' nies responsabbli professjonali ndipendenti, bhal dik ta' l-ghola awtorita tal-Malta Shipbuilding Company Limited u membri tal-Classification Societies, zgur jasal ghall-konkluzjoni li l-allegazzjonijiet li s-sur Abela kien inkompetenti u inefficcjenti f'xogholu ma gewx ippruvati ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal.

.../27

Dan bl-ebda mod ma jfisser li s-sur Abela ma setghax kellu difetti bhal ma ghandu kull mahluq iehor, jew li ma kellux nuqqas ta' qbil mas-superjur tieghu li wassal lill-Malta Drydocks jiddefenduh fis-sottomissjonijiet finali taghhom bhal "... kuntest (it-Tribunal jifhem konfront) kontinwu u qalil bejn is-sur Abela u l-Manager ta' fuqu" izda dawn qatt ma wasslu biex is-sur Abela jigi rrapurtat lill-General Manager, iddixxiplinat u mwissi, kif xehdu membri gholja tal-Management tal-Malta Drydocks tul is-smiegh tal-kaz. Jista' jkun li dan 'il-kuntest kontinwu u qalil' kien dovut ghall-kontestazjoni u dibattitu bejn Managers fuq ix-xoghol li hi grajja ta' kulljum fl-organizzazzjoni manigerjali. Setgha wkoll li z-zewg Managers kellhom personalitajiet kompletament opposti, raguni, li fl-opinjoni tat-Tribunal, din nnifisha ma kelliex ghalfejn tinpedihom li jahdmu flimkien. Dan it-Tribunal ikkunsidra wkoll l-allegazzjoni tad-DSESU li s-sur Abela gie trattat hazin meta rritorna mis-sekondment tieghu mal-Malta Shipbuilding Company Limited, allegazjoni li giet michuda mill-Malta Drydocks.

It-Tribunal huwa sodisfatt li meta s-sur Abela rritorna t-Tarzna fit-13 ta' Jannar, 1987, huwa kien intitolat li jerga lura ghax-xoghol li kellu qabel fil-Laboratorju, kif tesigi l-policy ezistenti tat-Tarzna ghall-impjegati taghha li jirritornaw mis-sekondment, u kif kien deciz fil-kaz tas-sur Abela mic-Chairman tat-Tarzna fl-ittra tieghu datata 12 ta' Awissu, 1986 lic-Chairman tal-Malta Shipbuilding Company Limited, meta s-sur Abela kien gie sekondat, li specifikament kienet tghid :-
"In case any of the persons loaned to Malta Shipbuilding Company Limited ever revert back to Malta Drydocks, they will also automatically revert to their present status at Malta Drydock."

Kopja ta' din l-ittra kienet inghatat ukoll lis-sur Darmanin bhala Council Secretary, li kien ukoll is-superjur tas-sur Abela. Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jistax jaqbel ma l-atteggjament li adotta s-sur Darmanin meta s-sur Abela rritorna mill-Malta Shipbuilding, meta, fil-prezenza ta' mpjegat subordinat tas-sur Abela, s-sur Darmanin iddecieda u nforma lis-sur Abela li kien sejjer jaccettah fil-Laboratorju 'biex ma jixxarabx', konfermat li ntqal bil-gurament kemm mis-sur Darmanin u mis-sur Saliba.

It-Tribunal irid jaghmilha cara li fejn hu espress li minn jirritorna minn secondment irid imur lura fli-status li kien telaq bih, ifisser li dan id-dritt ma kienx biss ghall-saqaf u ghal post tax-xoghol izda ghal xogholu propju u l-kundizzjonijiet kollha li jmorru mieghu.

Hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li n-nuqqas li s-sur Abela jithalla jerga jaghmel xogholu bhala Metallurgista kien ukoll aggravat mill-fatt li s-superjur tieghu mar kontra l-policy f'dan ir-rigward meta kien jokkupa l-post responsabbli ta' Council Secretary, u meta kien gie mghoti l-parir, jekk mhux ordni diretta mill-General Manager tat-Tarzna ta' dak iz-zmien, biex ihaddem lis-sur Abela kif suppost.

Izjed u barra minn dan kollu, it-Tribunal ihoss li kien degradanti li Manager jissogetta Manager ta' tahtu li jiehu ordnijiet u/jew ma jithalliex jaghmel xogholu minn impjegat subordinat tas-sur Abela li lanqas biss ma kien manager, trattament li baqa' jsehh ghal ghaxar (10) xhur.

Hija l-opinjoni tat-Tribunal li t-triq korretta, jekk ghal xi raguni, li dwarha jesprimi ruhu aktar il-quddiem dan it-

Tribunal, is-sur Darmanin kien jidhirlu li ma kellux bzonn is-servizz tas-sur Abela, kellha tkun li jimxi bil-proceduri stabbiliti u ftehim li jirregola t-transfer u/jew xoghol iehor ghall-Managers. Mhu xejn ta' l-iskantament jekk cirkostanzi bhal dawn wasslu biex is-sur Abela ma jithalliex fizikament, f'okkazjoni specifikata kif allegata mid-DSESU, jaghmel xogholu.

Hija l-fehma tat-Tribunal li dan l-incident u s-sitwazjoni kollha li kienet tezisti f'dak il-perjodu fil-Laboratorju tat-Tarzna kienet ir-raguni li gaghlet lid-DSESU titlob lit-Tribunal biex jordna lill-Malta Drydocks tiehu l-passi dixxiplinarji mehtiega skond il-procedura tad-Dixxiplina tat-Tarzna.

Minn naha l-ohra, l-Malta Drydocks irretenew li t-Tribunal ma ghandux jinterveni f'dan il-qasam meta d-dixxiplina hija prerogattiva tal-Management u ssir skond proceduri stabbiliti u miftehma mar-rapprezentanti tal-haddiema. Dan it-Tribunal irid jaghmilha cara li jidher li kien hemm nuqqas fl-applikazjoni tal-Procedura tad-Dixxiplina min naha tal-Management. Minkejja dan, fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jghati ordnijiet ta' din ix-xorta. Huwa l-kompitu tal-Management li japplika l-Procedura tad-Dixxiplina korrettament, izda dan ghandu jaghmlu b'mod li jidher li jkun qieghed jaghmel hekk l-istess u ma kullhadd.

Barra minn hekk, ma huwiex possibli ghal dan it-Tribunal li jidhol f'certi dettalji u jirrendi ruhu Bord jew Tribunal tad-Dixxiplina, izda, izjed minn hekk, dan it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jindahal fl-applikazjoni tad-dixxiplina nterna fit-Tarzna ghax jifhem li primarjament indhil bhal dan jusurpa lill-Management minn wahda mill-aktar funzjonijiet

essenzjali tieghu ghat-tmexxija ta' l-azjenda.

Il-Malta Drydocks ikkontendew li l-post ta' Metallurgista kien 'skadenti' u li l-hin li s-sur Abela kien okkupat f' dan ix-xoghol, fi kliemu stess ta' hamsa (5) jew sitt (6) sighat fil-gimgha, ma kienx jiggustifika dan il-post. F'dan ir-rigward is-superjur immedjat tieghu, s-sur Darmanin, kien stqarr fit-2 ta' Gunju, 1987:- "Eventually it became absolutely clear that the Lab. was better off without a qualified Metallurgist such a requirement was rare and had always been surmounted in the past".

Dan it-Tribunal innota wkoll li stqarrija tal-Malta Drydocks fis-sottomissjonijiet finali li meta t-Tarzna hadet id-decizjoni biex tharreg lis-sur Abela bhala Metallurgista kienet qeghda thares lejn futur fis-Ship Building, li llum ix-xoghol ta' bini ta' certa entita huwa l-prerogattiva tal-Malta Shipbuilding Company Ltd, u ghalhekk il-Malta Drydocks ma ghandha l-ebda uzu rejali ghall-Metallurgista permanenti u full time.

It-Tribunal izda nnota wkoll li minkejja dan kollu l-Malta Drydocks hasbet biex b'xi mod tkopri n-nuqqas ta' Metallurgista bl-arrangamenti ta' l-ittra datata 20 ta' Jannar, 1987 mibghuta mill-General Manager tat-Tarzna lis-Segretarju tal-STPSA dwar numru ta' promozzjonijiet ta' Managers ghall-Grupp 3, li kienu jinkludu taht Item 3 dik tas-sur Paul Galea - Dept Manager C310 (Welders afloat),:- It has also been decided that Mr. Paul Galea's services would be utilised in any Technical problems connected with welding etc. in the New Building Section (This responsibility does not include any administration of New Building personnel)."

.../31

It-Tribunal jifhem li "any Technical problems connected with welding etc ..." jkopru welding procedures li huma parti mix-xoghol metallurgiku, u li kien f'dak iz-zmien u prezumibbli llum jezisti fil-Malta Drydocks "New Building Section".

Dan it-Tribunal semgha u stharreg sewwa x-xhieda ta' nies maghrufa, responsabbli, esperti, u gradi manigerjali gholja tat-Tarzna jistqarru li l-Malta Drydocks ghandha fl-opinjoni taghhom ikollha Metallurgista kwalifikat, irrispettivament mill-frekwenza tal-htiega ghas-servizzi tieghu. Hija l-opinjoni ta' dawn li huwa fl-interess tat-Tarzna stess li azjenda bhal din jkolla l-Metallurgista Kwalifikat taghha. It-Tribunal innota li r-rapprezentanti tal-Malta Drydocks fil-prezentazjoni ta' certi xhieda dehru li f'dak li jirrigwarda metallurgija ghogobhom jenfazizaw fuq xoghol ta' kostruzzjoni ta' l-azzar (New Building) b' referenza specjali ghal welding procedures, li hi parti wahda mal-metallurgija. Tajjeb ta' min ifakkar li l-metallurgija hija ferm aktar estiza minn daqshekk, li zgur f'kumpless bhal Malta Drydocks tkopri branki ohrajn importanti f'dan il-qasam daqs il-kostruzzjoni u tiswija fl-azzar (Shipbuilding u Shiprepair) u Welding.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jixtieq jirrimarka li ma huwiex sodisfatt dwar parti mix-xhieda li fl-opinjoni tat-Tribunal ma kinitx tirrifletti l-fatti rejali.

Huwa minnu wkoll li xoghol specjalizzat bhal metallurgija, u dan japplika ghal xogholijiet professjonali ohrajn, jista' ma jokkupax kompletament lil persuna koncernata l-gimgha kollha, izda din hija materja li trid taraha l-azjenda fl-ahjar interess ta' kullhadd; u dan it-Tribunal jifhem li s-sur Abela setgha jinghata xoghol addizzjonali (mhux

xoghol iehor) kompatibbli mal-posizzjoni tieghu biex isir aktar uzu minnu u ahjar.

Wara kollox, il-htiega ta' post f'azjenda ma jitkejjielx biss fuq in-numru ta' sieghat jew frekwenza ta' xoghol partikolari, izda fuq fatturi ohrajn li fil-kumpless kollu jaghmlu l-post dak li hu.

Dan it-Tribunal irid jaghmilha cara li ma huwiex l-iskop t tieghu jindahal fid-decizjoni tal-Malta Drydocks jekk hemmx htiega jew le ghal post ta' Metallurgista fit-Tarzna, izda fl-istess waqt ghandu dmir jesprimi l-opinjoni tieghu fuq dak kollu li gie sottomess quddiemu. Tajjeb li f'dan ir-rigward it-Tribunal jirreferi ghal dik il-parti li saret referenza ghaliha fl-Gheluq tas-Sottomissjonijiet Finali tal-Malta Drydocks fuq il-ftehim dwar struttura gdida u mizuri ta' efficjenza li wara kollox igib id-data relattivament ricenti tas-27 ta' Jannar, 1989, fejn intqal li l-post ta' Metallurgista huwa wiehed min numru ta' postijiet dikjarati superfluwi, biex ifakkar li dawn il-postijiet jiskadu meta jitbattlu, irrispettivament jekk dan isehh wara sena jew wara hafna snin.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll dak li l-Malta Drydocks iddeskrivew bhala hniena zejda u tolleranza kbira fl-isforzi taghhom biex isibu xoghol iehor ghas-sur Abela.

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-mottiv biex is-sur Abela jintbaghat jaghmel ix-xoghol ta' Shiprepair Manager setgha kien influwenzat u/jew pregudizjat minn fatturi ohrajn, bhal dak tal-leakage lil gazzetta lokali f'Awissu, 1986, li l-Laboratory & Safety Manager attribwixxa minghajr provi lis-sur Abela, u kummenti li ghamel is-sur Abela fuq il-Laboratorju u certi impjegati, bir-rizultat, skond is-sur Darmanin, li dan harbat u ddisturba r-relazzjonijiet umani

ta' li staff fil-Laboratorju.

It-Tribunal innota wkoll li certi rimarki u kummenti tas-sur Darmanin fuq is-sur Abela fil-Memos li kien ghadda lic-Chairman tal-Kunsill fihom, ghalkemm sottili, l-element personali. Dan b'xi mod jaqbel ma dik il-parti ta' li Statement of Case tal-Malta Drydocks fejn intqal li l-"Management minn dejjem ikkunsidra l-kaz prezenti bhala wiehed ta' tilwima personali tas-sur Abela". Mhux ta' minn jinsa li s-sur Darmanin kiteb dawn il-Memos fil-kapacita ta' Council Secretary u ghalhekk, u minhabba f'hekk, assumew jew gew moghtija dimensjoni partikolari.

F'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal kellu l-inkarigu jezamina u jikkunsidra t-talba tad-DSESU biex is-sur Abela jinghata promozzjoni ghall-Grupp 4 fl-istruttura tal-Executive u Senior Staff tal-Tarzna fuq il-bazi li l-ghaxar (10) xhur li s-sur Abela thalla ma jaghmel xejn u t-trattament li rcieva ikkagunawlu telf ta' din il-promozjoni.

Barra minn hekk id-DSESU qalu li l-claim biex is-sur Abela jigi promoss kienet originat fil-meeting mal-Management tas-6 ta' Ottubru, 1983, izda giet formalizzata fil-laqgha tat-8 ta' Novembru, 1985 ma talbiet simili ghal numru ta' Managers ohrajn li fil-maggoranza taghhom gew milqugha. Minn naha l-ohra l-Malta Drydocks cahdu li t-trattament tas-sur Abela kien irregolari u/jew hazin, u li ghalhekk, barra minn ragunijiet ohra, dan ma ikkagunali l-ebda telf ta' promozzjoni, anzi waslu biex stqarrew li fuq il-performance li wera, l-anqas kien jimmeritah li jkun ikkunsidrat ghal promozjoni.

Fost ir-ragunijiet l-ohra l-Malta Drydocks sostnew li l-Management ma setgha qatt u fil-fatt qatt ma qabel li

promozjoni tinghata fuq il-bazi ta' kwalifikazjoni professjonali biss, izda li din tkun wahda mill-kriterji li jigu kkunsidrati fil-promozzjoni tal-Managers.

Dan it-Tribunal diga aktar il-quddiem f'dawn il-kunsiderazjonijiet esprima ruhu dwar it-trattament tas-sur Abela u l-performance tieghu fuq xogholu, u fuq certi aspetti talhtiega jew le li l-Malta Drydocks ikollha Metallurgista kwalifikat.

Irid izda jistqarr li, waqt li hu minnu li l-kwalifiki wehedhom ma huwiex bizzejjed fil-kriterji biex jigu kkunsidrati promozzjonijiet generali, jidher li certi gradi manigerjali professjonali jistghu jigu mahtura Managers fuq il-bazi tal-kwalifiki. Fil-kaz quddiem dan it-Tribunal, il-Malta Drydocks ikkoncedew li s-sur Abela kien gie mahtur Metallurgista fuq il-meritu talkwalifiki professjonali, kif jidher fis-sottomissjonijiet finali taht paragrafu 2, 4, waqt li d-DSESU ikkuntendew li t-Tobba tat-Tarzna (Senior Medical Officers) kienu gew mahtura Senior Staff u pogguti fi Grupp 4 ghab-bazi tal-kwalifiki biss.

Dan it-Tribunal ma jaqbilx fuq dan il-punt mal-paragun tad-DSESU; anzi jifhem li l-meriti ghal promozjoni tassur Abela f'dan il-kaz jiddependu jekk barra l-kwalifiki s-sur Abela kienx jimmeritah promozjoni jew le fuq ilfatti u l-argumenti prezentati lil dan it-Tribunal mizzewg partijiet.

Lanqas ma jaqbel dan it-Tribunal li l-kriterji ta' promozjoni ta' Manager, professjonali jew le, ghandhom jiddependu minn numru ta' nies li jissorvelja; wara kollox jista jghati l-kaz li Manager jinhatar jew jigi promoss fi grad gholi

mhux fuq dan il-fattur, ghax ma jkollu lil hadd lil min jissorvelja direttament, izda fuq in-natura tax-xoghol u d-'degree' ta' responsabbilta li jkunu jitolbu grad gholi jew promozzjoni fl-Istruttura Manigerjali.

Dan it-Tribunal ma jistax jaqbel li l-grad jew promozjoni ta' Manager jigu determinati ghar-raguni li jghati parir jew servizz lill-Managers fi grad ghola minnu u ghalhekk ikun jixraqlu li jkun fil-grad taghhom.

Rigward ix-xoghol tas-sur Abela, dan it-Tribunal semgha hafna akkuzi u allegazjonijiet li l-kwalita ma kinitx kif mehtiega, izda josserva li l-uniku xhud ta' mportanza li esprima dan kien is-sur Darmanin innifsu, ghax mill-bqija, l-maggoranza assoluta tax-xhieda l-ohra kollha qalu li xoghol is-sur Abela kien tajjeb.

Dan ma jfissirx li s-sur Darmanin bhala kap tas-sur Abela ma kellux id-dover jghati l-kummenti tieghu fuq ix-xoghol is-sur Abela u d-diportament tieghu. Pero', il-kontenut tax-xhieda tas-sur Darmanin li ddeskriva lis-sur Abela tant hazin li kien inkorreggibbli ftit setgha jkun meqjus kredibbli mit-Tribunal fil-konfront ta' numru sostanzjali ta' xhieda ohrajn professjonali f'xogholhom li xehdu ghall-kuntrarju.

F'dan l-istadju dan it-Tribunal ma jistax f'dan ir-rigward ma jsemmix id-doveri li kien gie fdat bihom is-sur Abela fl-Malta Shipbuilding Company Limited waqt l-perjodu tas-sekondment tieghu, u li kienu ghoddhom wasslu biex jigu konlusi b'kuntratt ta' mpieg mal-Malta Shipbuilding Company Limited b'salarju ghola minn dak li kellu fit-Tarzna.

Wiehed irid jikkunsidra wkoll jekk l-ghaxar (10) xhur li s-sur Abela thalla ma jaghmel xejn fil-Laboratorju tat-Tarzna setghux kellhom effett negattiv fuq il-prospetti tal-promozzjoni tieghu.

F'dan ir-rigward dan it-Tribunal jifhem li c-cirkostanzi kollha ezistenti kif spjegati f'dawn il-kunsiderazzjonijiet aktar il-quddiem kienu detrimentali ghac-chances ta' promozjoni tas-sur Abela, izda dan it-Tribunal huwa sodisfatt li anke qabel dan il-perjodu is-sur Abela kien fdat b'xoghol ta' certa mportanza bhal dik fuq l-'Ocean Tide' u xogholijiet ohra li gie stabbilit li huwa wettaq b'sodisfazzjon shih ghat-Tarzna u l-klijenti taghha.

Tt-Tribunal josserva wkoll li minkejja d-decizjoni tieghu dwar il-limitazjoni fuq ir-relevanza ta' ritratti ta' natura privata prezentata mill-Malta Drydocks waqt parti mix-xhieda u l-parir mghoti mit-Tribunal fuq l-istess suggett, it-Tribunal huwa ferm disappuntat li l-Malta Drydocks baqghu jinsistu li jghatu enfasi fuq dan l-aspett fis-sottomessjonijiet finali taghhom.

continue/....
8. Award tat-Tribunal

## 8. AWARD TAT-TRIBUNAL

1. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi wara li stharreg il-kaz kollu fid-dawl tal-kunsiderazjonijiet spjegati hawn fuq, it-Tribunal isib li d-DSESU gabu provi bizzejjed biex juru li l-allegazjonijiet u/jew akkuzi li s-sur Kenneth Abela kien inkompetenti u nneficcjenti ma kienux minnhom u ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li ma japplikawx ghas-sur Abela.

2. Li minkejja li t-Tribunal jidhirlu li kien hemm nuqqas fl-Applikazjoni tal-Procedura tad-Dixxiplina minn naha tal-Management, ma jilqax it-talba tad-DSESU li t-Tribunal jordna procedimenti dixxiplinarji kontra mpjegati tal-Malta Drydocks ghax dan it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jindahal fl-applikazjoni tad-dixxiplina li tikkostitwixxi wahda mill-aktar funzjonijiet importanti li ghandu jezercita l-Management ugwali u l-istess ghall-impjegati kollha.

3. It-Tribunal jifhem li s-sur Kenneth Abela fil-kapacita ta' Metallurgista jimmerita u ghandu jinghata l-Grupp 3 tal-Istruttura tal-Executive and Senior Staff tat-Tarzna, mhux biss fuq il-bazi tax-xoghol u r-responsab-bilita li ghandu izda wkoll komparat ma gradi ohra fl-istess Struttura u ghalhekk jordna li ghandu jitpogga fi Grupp 3 b'sehh mis-7 ta' Marzu, 1987.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

CARMEL DEBONO
CHAIRMAN

MICHAEL MALLIA
MEMBRU

ALPHONSE FARRUGIA
MEMBRU

CHARLES CHETCUTI
SEGRETARJU
/ms

TRIBUNAL INDUSTRIJALI

KAZ NRU: 462

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

l-Ghaqda (Union) Uffiċjali Anzjani tat-Tarzna (DSESU)

u

l-Malta Drydocks

dwar is-sur Kenneth Abela

Data: 29 ta' Settembru, 1988

CHAIRMAN : Is-Sur Carmel Debono

MEMBRI : Is-Sur Alphonse Farrugia
Is-Sur Michael J Mallia

V E R B A L

B'referenza ghall-oggezzjoni tar-rapprezentanti tal-Malta Drydocks mqajjma fis-seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Lulju 1988 fit-Tilwima tax-Xoghol bejn il-Malta Drydocks u d-D.S.E.S.U. dwar is-Sur Kenneth Abela, liema oggezzjoni tikkontendi li l-ligi Industrijali tispecifika Tilwima tax-Xoghol bejn "employers u employees" u ghaldaqstant l-Employer f'dan il-Kaz mhux il-Management izda l-Malta Drydocks li b'disposizzjoni espressa tal-ligi tista' biss tkun rapprezentata mic-Chairman jew membri tal-Kunsill appuntati ghal dan il-ghan u ghalhekk mhux floku li l-Management jigi mharrek in rapprezentanza tal-Malta Drydocks, dan it-Tribunal Industrijali jiddikjara li fil-prattika passata dwar tilwim industrijali, is-sejha biex jigu riferiti quddiem it-Tribunal kienet minn dejjem mibghuta lill-General Manager u / jew lill-Managing Director tal-azjenda koncernata.

.../2

Ghaldaqstant, il-fatt li dan rega' rrepeta ruhu f'dan il-kaz ma jirrendix il-procedura nulla.

Biex izda ma jithalla l-ebda dubju dwar il-korrettezza tal-procedura, dan it-Tribunal Industrijali jordna lis-Segretarju ta' dan it-Tribunal biex jibghat ir-riferiment tat-Tilwima lic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks ghas-sniegh tal-Kaz.

CARMEL DEBONO
CHAIRMAN

ALPHONSE FARRUGIA
MEMBRU

MICHAEL MALLIA
MEMBRU

CHARLES CHETCUTI
SEGRETARJU

/ms